FGURA

Minuti tal-kontinwazzjoni tas-Sitt laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tlieta 17 ta' Novembru 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | |
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` KLJ |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A. Degiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur B.Camilleri<br>Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sinjura R.Cutajar<br>Is-Sur P.Dalli<br>Is-Sur M.Lombardo<br>Is-Sur A.Debono<br>Is-Sur C.Bonello (6.45pm) |
| **Deputat Segretarju:** | Is-Sur K.Borg |

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 10 EIS Zabbar – Kalkara road

10.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ircieva l-EIS tat-Triq Proposta.

10.2 Il-Viċi-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2588/09/6 "Li dan il-Kunsill filwaqt li japprezza l-bżonn ta' bypass li tgħaqqad Haz-Zabbar u l-Kalkara, jimpenja ruħhu li jgħin lill-Gvern Ċentrali fil-proċess ta' assessjar dwar l-impatt li dan il-proġett meħtieġ jista' jħalli fuq l-inħawi tal-madwar, billi jaħtar Sotto Kumitat u jieħu dawk l-inizjattivi ta' studju u konsultazzjoni kollha meħtieġa bil-għan li jippreżenta s-sottomissjonijiet fil-ħin stipulat lill-awtoritajiet konċernati, fl-akbar interess tar-residenti tal-Fgura. Is-sotto-kumitat ikun kompost hekk: Is-Sindku, Viċi Sindku u Saviour Camilleri." Din kienet sekondata mis-Sur S.Camilleri.

Is-Sur M.Lombardo talab ruling tas-Sindku fuq din il-mozzjoni minħabba li skond is-Sur M.Lombardo din il-mozzjoni ma kelliex avviż skond il-Liġi.

Is-Sindku wieġeb li dan is-suġġett kien item fuq l-Agenda.

Il-mozzjoni ref: 2588/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur P.Dalli, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri u s-Sinjura R.Cutajar ivvotaw favur. Is-Sur A.Debono, s-Sur C.Bonello u s-Sur M.Lombardo ivvotaw kontra.

**11. Jum il-Fgura**

Is-Sur B.Camilleri qal li rigward Jum il-Fgura l-attivitajiet kollha saru ħlief tnejn minnhom, waħda minħabba t-temp u l-oħra minħabba li min kellu jipparteċipa ma ġiex.

**12. Feedback Budget u Business Plan**

Ġie deċiż li dan l-item għandu jersaq fl-laqgħa oħra.

**13. Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm u kienet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 9 ta' Diċembru fis-6.30pm.

Sindku

Segretarju